**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 76 – IT-TNEJN, 7 TA' NOVEMBRU 2016 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Assenti | Trevor Fenech | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 75**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**2 Punti mtella mill-Minuti 75**

2.1 Fir-rigward ta' para. 5.2, is-sinjal tal-Kumpanija Shakers iddaħħal aktar 'il ġewwa. Il-Viċi Sindku infurmat li r-residenti li kienu fuq ix-xelter kienu rringrazzjaw lill-Kunsill tal-azzjoni li ttieħdet. Hija ġibdet l-attenzjoni wkoll li sid il-ħanut ma kellhiex imġiba tant tajba magħha.

2.2 Is-Sindku informa li ma setax jattendi l-laqgħa tas-Sindki u għaldaqstant wiegħed li jagħmel rifuzjoni lura tal-flus li ħallas il-Kunsill f'ismu.

2.3 L-Aġent SE infurmat li kienet ġiet infurmata li hemm possibbiltà li wieħed jikri spazju ghal arkivjar ta' dokumenti ma' kumpanija privata li kien jiswa €630 għal sena sħiħa għal 7 metri kubi ta' spazju.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jkun hemm sospensjoni tal-aġenda u jiġu approvati l-minuti. Is-Sinj. Rita Saliba ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Pagamenti Numru 66**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Domenic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

3.2 Il-Kunsilliera Farrugia infurmat li fil-pjazza tagħha ma ġiex distribwit il-fuljett tal-Kunsill. Kien hemm qbil li Mailbox Services se jintalbu jġibu lura xi kopji li fadlilhom biex jitqassmu lil dawn ir-residenti.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku informa li ma kellux kommunikazzjonijiet x'jgħaddi.

**5 Korrispondenza**

5.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva kommunikazzjoni min-naħa tad-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali fejn infurmahom li kien għadda l-ammont ta' €630 li ma kinux ingħataw mal-allokazzjoni.

4.2 Is-Sindku informa li d-Dipartiment kien qed iniedi skema bl-isem ta' *National Literacy Strategy.* Kien hemm qbil li fil-prezent ma kienx hemm spazju adegwat fejn jistgħu jiġu organizzati korsijiet fil-binja tal-Kunsill.

4.3 Kien hemm talba mingħand resident fi Triq ir-Russett fejn talab li jiġu rranġati l-parkeġġi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu rranġati.

4.4 Is-Sindku informa li l-applikazzjoni tal-binja tal-Kunsill giet sottomessa u kien irċieva notifikazzjoni min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar.

4.5 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid San Gwann Pharmacy fejn talab għal parkeġġ riservat quddiem l-ispizerija. Kien hemm qbil li din it-talba ma taqax taħt il-*policy* ta' TM dwar parkeġġi riservati u għaldaqstant ma tistax tiġi aċċettata.

4.6 Is-Sindku ta rendikont ħafif tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill mir-rapport ta' kull kwart għax-xhur Lulju – Settembru fejn il-Kunsill kien spiċċa t-tielet kwart f'sitwazzjoni finanzjarja tajba ħafna. Dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu.

4.7 ANSEK kienet bagħtet kommunikazzjoni lid-Direttur dwar l-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat wara li kien ġie kkomunikat li l-Kunsilliera ma setgħux jiġu skuzati mil-laqgħat tal-Kunsill izda kellhom jitnizzlu bħala assenti. ANSEK għadha qed tistenna risposta lura min-naħa tad-Direttur dwar jekk hemmx istanzi meta Kunsillier jista' jkun skuzat.

4.8 Is-SE tar-Reġjun infurmat li l-kuntratt mal-Guard and Warden kien skada nhar l-1 ta' Settembru u għaldaqstant kienet qed titlob deċizjoni min-naħa tal-Kunsill dwar jekk jaqbilx li jestendi għal sena oħra. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħti l-fakultà lis-Sindku sabiex jilħaq iġib aktar informazzjoni u jieħu l-aħjar deċizjoni f'isem il-Kunsill.

4.9 Il-BAG infurmaw li hemm nuqqas ta' *bicycles racks* ġewwa San Ġwann għal min ikun qed juza r-rota tiegħu. Kien hemm qbil li din il-problema kienet diġà ġiet diskussa u għaldaqstant se jiġi kkonfermat kemm kellhom isiru u fejn.

4.10 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Qasab sabiex titneħħa t-*traffic ramp* li hemm quddiemu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

4.11 Il-Kunsill irċieva notifika min-naħa tal-Avvukat Bianchi fejn dan talab lill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann (flimkien mal-Kunsill tas-Swieqi u TM) sabiex iħallas għall-ispejjez għal ħsara li saritlu fuq il-vettura tiegħu waqt li qed isuq. L-Avukat tal-Kunsill kienet kitbet lura u infurmatu li l-Kunsill ma kienx qed jaċċetta responsabbiltà ta' dan l-inċident.

## 5 Affarjiet Oħra

5.1 Il-Kunsillier Cassar informa li kellu numru ta' lmenti dwar il-kuntratt tal-iskart, fosthom li t-trakk tal-iscammel kien qed jgħaddi aktar kmieni milli suppost. Kien hemm qbil li għandha tiġi msejħa laqgħa mal-kuntrattur.

5.2 Il-Kunsillier Cassar informa li qed ikun hemm numru ta' pustiera li qed jarmu l-karti barra mill-vetturi tagħhom viċin tal-*hub* tal-Maltapost. Barraminnhekk, għandu lmenti li dawn kienu qed joħorġu b'veloċità mill-garaxx tagħhom fi Triq il-Mensija. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra ta' twissija.

5.3 Il-Kunsillier Cassar informa li l-ħanut Welldone kellu pots kbar madwar il-ħanut li kienu qed jagħmluha diffiċli biex wieħed jara vetturi ġejjin min-naħa tal-lemin. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lil dan il-ħanut sabiex jizbor il-pjanti li għandu fil-*pots*.

5.4 Il-Kunsillier Cassar informa li kellu talba sabiex issir *zebra crossing* fi Triq il-Pelikan. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba b'mod unanimu.

5.5 Il-Kunsillier Cassar informa li hemm numru ta' kazijiet li għadhom pendenti mal-Korporazzjoni Enemalta u li hu kien qed jitlob li ssir laqgħa magħhom. Is-Sindku qabel li għandhom jagħmlu laqgħa fir-rigward ta' dawn il-kazijiet.

5.6 Il-Viċi Sindku infurmat li hi u l-Kunsilliera Farrugia kienu attendew għal laqgħa mal-Perita tal-kuntrattur li għamel xi xogħlijiet xi xhur ilu. Hija infurmat li l-Perita kienet aċċettat li jsiru l-linji tat-toroq kif ukoll issir manutenzjoni fuq il-ħsarat li saru min-naħa tagħhom.

5.7 Il-Viċi Sindku infurmat li sabiex teħel il-*bicycle rack* tan-NextBike quddiem il-Knisja Parrokkjali, kien inqala' bank u ġie rilokat għal faċċata. Il-Viċi Sindku talbet li dan il-bank jitreġġa' lura fejn kien.

5.8 Il-Viċi Sindku infurmat li skont informazzjoni li għandha, it-tabella ta' Shaker Furniture kienet saret a spejjez tal-Kunsill. Hija infurmat li ma kinitx se tapprova l-ħlas għal din it-tabella kemm-il darba hu minnu u jiġi prezentat quddiem il-Kunsill. Il-Kunsilliera Cassar qablet magħha.

5.9 Il-Viċi Sindku infurmat li dawk li għenu lill-Kunsill sabiex isir id-*dog park* urew ix-xewqa li jagħmlu clean up ġewwa San Ġwann. Kien hemm qbil li għandha ssir fejn se ssir il-*cat home* f'Ta' Zwejt. Il-ġurnata tal-*clean up* hija nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu joffri lill-voluntiera xi ħaġa biex jitrejqu.

5.10 Il-Kunsillier Farrugia infurmat li l-gandott li hemm ħdejn il-ġibjun għandu bzonn kbir li jitnaddaf. Kien hemm qbil li dan il-ġibjun huwa tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma u għaldaqstant se titwaslilhom din it-talba. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li dan il-gandott fih xi ħsara. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra min-naħa tal-Avukat tal-Kunsill. Il-ġibjun jinsab fi Triq iz-Zebbuġ kantuniera ma' Triq iċ-Ċawsli.

5.11 Il-Kunsillier Farrugia infurmat li kien hemm bzonn ta' rinfreskar tas-sinjal tal-istop ħdejn il-Well done Confectionery.

5.12 Fuq proposta tal-Kunsillier Farrugia kien hemm qbil li għandha ssir talba uffiċjali lill-Enemalta għal bozoz fit-Triq tal-Balal bejn il-kulleġġ u l-ħanut tal-Mekek.

5.13 Il-Kunsilliera Saliba infurmat li ħdejn ir-rampa li hemm fi Triq il-Bajtar k/m Ġakaranda kien hemm sitt xkejjer suwed u xi madum imkisser u ilhom xi 3 xhur ma jinġabru.

5.14 Kien hemm qbil li għandha bzonn tinbaraxx ir-rampa quddiem Lourd Pharmacy fi Triq in-Naxxar minħabba li qed tkun ta' periklu.

5.15 Fuq proposta tal-Kunsillier Mallia kien hemm qbil li għandha tintbagħat talba lil TM għal *zebra crossing* fi Triq Bellavista viċin tal-ħanut VeeGeeBee.

5.16 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mallia dwar il-ħadid tal-palm fi Triq George Sayyar il-Kunsillier Cassar informa li dawn kienu ordnati imma kien hemm xogħol ta' prijorità ikbar xi jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

5.17 Il-Kunsillier Cassar informa li x-xogħol fuq il-kuntratt tal-*urban greening* kien inbeda.

5.18 Il-Kunsillier Cassar informa li fil-Kappara kien hemm sit li huwa maħmuġ ħafna. Kien hemm qbil li ladarba l-Kunsill ma kellux ċertezza li din kienet zona pubblika, għandha tintbagħat kommunikazzjoni lid-Dipartiment tal-Artijiet biex tinġab din l-informazzjoni.

5.19 Kien hemm qbil li ladarba se tintbagħat ittra lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma dwar il-ġibjun għandhom jintalbu wkoll jizbru s-siġar kbar u perikoluzi li hemm fi Triq iz-Zebbuġ.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 5 ta' Diċembru 2016 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |